**14 ta' April 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Leon Misrahi

*versus*

Antonio Camilleri nomine.

**Preskrizzjoni — Danni — Kontrollur tad-dwana — Depożitu.**

*Il-preskrizzjoni applikabbili għar-reklam ta' danni mġarrba f'merkanzija li kienet tinsab depositata għand il-Kontrollur tad-Dwana hi dik ta' ħames snin. Mill-banda l-oħra mhiex preskrivibbli l-azzjoni għan-nuqqas ta' merkanzija depositata jekk ma jkunx jirisulta ż-żmien fliema tkun naqset.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — previa kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn; peress illi l-attur

iddepositata fl-imħażen tal-Custom House merkanzija kif speċifikata fid-dokument; u peress illi l-istess merkanzija sofriet ħsara rilevanti a causa tal-istat ħażin li fih il-konvenut *nomine* żamm il-bini tal-istess stores, tant li biċċa mis-saqaf sfronda, u peress illi biċċa *mill*-kwantitajiet tal-merkanzija hekk depositata, oltre dik li baqgħat tesisti, naqset mill-istess *stores*, talab illi 1) jiġi konstatat id-dannu sofert mill-istess merkanzija, a causa tal-istess ħsara kif ukoll constatata *l-kwantità* ta' merkanzija tal-attur li ma għadhiex tidher fl-imsemmi depositu, u li tagħhom għalhekk għandu jiġi dikjarat responsabbli lejn l-attur l-istess konvenut (2) jiġi likwidat l-ammont dovut lill-attur mill-konvenut sija talistess ħsara kemm ukoll tad-defiċjenza (3) jiġi l-konvenut kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk likwidata, *occorrendo* permezz ta' perit, bl-imgħax u bl-ispejjes tal-ġudizzju;

Omissis.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Novembru, 1966 li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda bl-ispejjes kontra tiegħu wara li kkunsidrat,

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, jiġi ordnat li jinstemgħu il-provi fil-meritu u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Bin-nota tiegħu tat-13 ta' Marzu, 1967 l-appellat ċċċe-

pixxa illi l-azzjoni eżerċitata mill-appellant hija preskritta bil-għeluq ta' sentejn skond l-artikolu 2258 tal-Kodiċi Ċivili, u bin-nota ulterjuri tas-17 ta' Marzu, 1967 l-istess appellat, mingħajr preġudizzju ta' dik il-preskrizzjoni, eċċepixxa illi, in kwantu l-allegata ħsara tista tkun dovuta għal kolpa kontrattwali, it-talbiet ta' l-appellant huma preskritti bid-dekorriment ta' ħames snin skond l-artikolu 2261 (f) ta' l-istess Kodiċi.

It-talbiet ta' l-appellant skond iċ-ċitazzjoni huma għad-danni u huma ibbażati fuq l-allegazzjoni dupliċi, ċioè (a) illi l-merkanzija depositata minnu fl-imħażen tad-Dwana ġrat-ilha ħsara, u (b) illi biċċa mill-merkanzija naqset mill-istess imħażen.

Il-Qorti jidhrilha illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellat għandha tiġi ikkunsidrata separatament għal kull waħda minn dawk iż-żewġ kawżalijiet.

In kwantu t-talba ta' l-appellant hi bbażata fuq il-kawżali ta' ħsara fil-merkanzija il-Qorti hi ta' fehma illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi fondata u għandha tiġi milqugħa kif ser jingħad. Apparti minn jekk hiex vera, bħala fatt il-pretensjoni ta' l-appellant illi l-ħsara ġrat minħabba t-traskuraġni jew il-ħtija ta' l-appellat fil-konservazzjoni tal-merkanzija, milli pjuttost minħabba l-istat tal-merkanzija stess bħala qadima u n-nuqqas ta' l-istess appellat li jieħu hu kura tagħha kif jidher li ġie ripetutament interpellat biex jagħmel; mill-proċess jirriżulta illi l-kawża prinċipali u determinanti tal-ħsara allegata l-appellat jagħmilha tikkonsisti fil-fatt illi s-saqaf tal-maħżen fejn il-merkanzija kienet magazzinata waqa. Jiġifieri l-appellant, speċifikament, jallaċċja l-pretensjoni tiegħu fuq dan il-kap ma event partikolari li minnu iqis li oriġinat l-azzjoni tiegħu għad-danni. Il-

waqa tas-saqaf tal-maħżen tinsab mhux biss imsemmija fiċ-ċitazzjoni iżda ukoll fid-dikjarazzjoni annessa magħha u ribadita fir-rikors tiegħu li jibda appuntu bil-kliem "li l-merkanzija li ġiet danneġġjata għax waqgħa s-saqaf ta' l-istore......"

Issa m'hemmx kwistjoni illi s-saqaf tal-maħżen, ċioè "Forn" bounded-store, waqa f'darbtejn bejn l-1954 u l-1955 ċioè mad-9 snin qabel ma saret iċ-ċitazzjoni fil-kawża preżenti, u b'dak l-aċċident kien jaf l-appellant għax ġie anki avżat.

Assumendo, għall-finijiet biss tad-deċiżżjoni ta' l-eċċezzjoni in diskussjoni, illi l-aċċidenti ġara bi ħtija ta' l-appellat u li kwindi hu kien responsabbli tal-ħsara sofferta fil-merkanzija ta' l-appellanti bħala konsegwenza, il-Qorti m'hix ta' fehma illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' sentejn li tirrigwarda d-danni dovuti għall-kważi delitt.

Il-Qorti taħseb li għandha tkun applikata għall-każ il-preskrizzjoni ta' ħames snin u dana peress illi, għalkemm bejn l-appellant bħala sid il-merkanzija, u l-appellat bħala Kollettur tad-Dwana ma jistax jingħad li hemm relazzjoni verament kontrattwali, il-każ jista għall-finijiet taż-żmien rikjest għall-preskrizzjoni jiġi assimilat għal dak ta' depożitu.

Ga ġie rilevat fil-bidu illi t-talba ta' l-appellant hi għall-ħlas ta' danni ċioè ta' kreditu li hu jivvanta b'dak it-titolu u għal hekk, fin-nuqqas ta' disposizzjoni li jolqot il-pretensjoni tiegħu bi preskrizzjoni aqsar, l-azzjoni tiegħu taħt il-kap in kwistjoni, hi kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-artikolu 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni tinsab magħluqa u ma ġiet pruvata ebda sospensjoni

jew interruzzjoni tagħha. Id-dokument li hu kopja ta' statement tad-danni sofferti mill-appellant bil-kollass tas-saqaf m'hu ebda ammissjoni ta' **responsabbilita** *imma* hu biss konstatazzjoni u 'record' ta' l-entità tal-ħsara sofferta kif reġistrata u kalkolata mid-Dipartiment: u, fi kwalunkwe każ dak id-dokument jidher li sar bejn wieħed u ieħor fl-istess epoka ta' meta waqa s-saqaf ċioè wisq iżjed minn ħames snin qabel din il-kawża.

S'hawnhekk dwar it-talbiet ta' l-appellant in kwantu bażati fuq *il-ħsara* allegatament kaġonata lill-merkanzija ta' l-appellat.

**Rigward dawk it-talbiet in kwantu ibbażati fuq l-allegat nuqqas *ta' partiti* ta' *merkanzija*, *il-Qorti* ma *jidhriliex* li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sia dik ta' sentejn u sija dik ta' ħames snin,** *tista tiġi* milqugħa, **se** *non* altro **għaliex** m'hemmx **fil-proċess** terminu "a quo" li għalih *iż-żmien* meħtieġ għall-preskrizzjoni jista jiġi relatat. **Assumendo** hawn wkoll, għall-finijiet biss ta' *din* id-deċiżjoni, li tassew xi oġġetti minn dawk magazzinati mill-appellant naqsu (per eżempju b'serq, jew telfin fit-trasport) u li ta' dan jista jinżamm responsabbli l-appellat, b'dana kollu jibqa fatt illi m'hux magħruf iż-żmien li fih dawk l-oġġetti naqsu. L-appellant anki *qal* illi anki mill-merkanzija li daħħal fil-*Forni* Stores fil-1963 u 1964 "naqsu diversi artikoli". Intolri l-obbligazjoni ta' l-appellat li jikkonsenja l-merkanzija magazzinata hi *obbligazzjoni* ta' natura kontinwa sa l-konsenja. Jiġi sottolineat, biex ma jkunx hemm ebda ekwivoku illi l-Qorti hawn qed *tirriferixxi* għal *merkanzija* li l-appellant jallega li **naqset** ċioè għal merkanzija li talvolta tirriżulta li spariet, kif ġa intqal, minħabba serq jew telfien tagħha, u **mhux** għall-merkanzija li naqset fil-volum jew fil-kwantitativ minħabba li evaporat, jew **skulat** jew ġiet distrutta

bħala konsegwenza tal-ħsara kaġunata bil-waqa tas-saqaf, iżda danni għandhom kollha jitqiesu li huma koperti fl-ewwel parti ta' din is-sentenza.

Għal dawn il-motiviti l-Qorti tiddeċidi billi

(a) in kwantu t-talbiet ta' l-appellant huma ibbażati fuq il-ħsara allegatament sofferta mill-merkanzija tiegħu, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn opposta mill-appellat iżda tilqa dik ta' ħames snin u "pro tanto" tiċħad it-talbiet ta' l-appellant;

(b) in kwantu t-talbiet ta' l-appellant huma ibbażati fuq in-nuqqas allegat tal-merkanzija fis-sens hawn fuq imfisser tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.

L-ispejjes ta' din is-sentenza jibqgħu mingħajr taxxa.